MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 239/2007

**Maltacom Plc C2234**

**vs**

**Stephen Bondin (ID696660M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta’ mitejn u wiehed u tletin Liri Maltin u tlettax-il centezmi (LM 231.13) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21234638 skond dokumenti annessi.

Illi l-konevnut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn Dr Keith Grech fit-23 ta’ April, 2007.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------